EIOPA-BoS-14/178 MT

# Linji gwida dwar parametri speċifiċi għal impriża

EIOPA – Westhafen Tower, Westhafenplatz 1 - 60327 Frankfurt – Germany - Tel. + 49 69-951119-20;
Fax. + 49 69-951119-19; email: info@eiopa.europa.eu site: https://eiopa.europa.eu/

## Introduzzjoni

1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament EIOPA")[1] l-EIOPA qiegħda tabbozza Linji Gwida dwar parametri speċifiċi għal impriża.

1.2. Il-Linji Gwida huma relatati mal-Artikolu 104(7), 110, 111, 230, 248(2) tad-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (minn hawn 'il quddiem "Solvibbiltà II")[2] kif ukoll l-Artikoli 218, 219, 220, 338 u 356 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni[3].

1.3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji skont Solvibbiltà II.

1.4. Meta jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, l-impriżi jistgħu jissostitwixxu subsett ta' parametri (parametri standard) fi ħdan il-formula standard b'parametri speċifiċi għalihom, jekk il-formula standard ma tipprovdix rappreżentazzjoni xierqa tar-riskji sottostanti tagħhom. Dan għandu jgħin biex jippromwovi ġestjoni tar-riskju soda fi ħdan l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

1.5. Għall-kalkolu tal-parametri speċifiċi għal impriża, l-impriżi jistgħu jagħżlu metodu minn għadd ta' metodi standardizzati preskritti fl-Anness XVII tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni. Kwalunkwe bidla magħmula għall-metodi standardizzati għall-parametri speċifiċi għal impriża tfisser li ma jistax jibqa' jkun hemm approvazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 110 tas-Solvibbiltà II. Iżda l-metodu mmodifikat jista' jikkwalifika bħala mudell intern parzjali soġġett għall-approvazzjoni superviżorja kif previst fl-Artikoli 112, 113 u l-Artikoli 120 sa 126 tas-Solvibbiltà II.

1.6. Dawn il-Linji Gwida jipprovdu speċifikazzjoni ulterjuri dwar il-kriterji tal-kwalità tad-data li għandhom jiġu kkunsidrati matul il-proċess tal-kalkolu ta' parametri speċifiċi għal impriża u parametri speċifiċi għal grupp. L-Artikolu 48(1)(i) tas-Solvibbiltà II jistabbilixxi r-rwol tal-funzjoni attwarja u kif għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tas-sistema tal-ġestjoni tar-riskju, u b'mod partikolari l-mudellar tar-riskju li huwa bbażat fuqu l-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali. Ir-rwol tal-funzjoni attwarja huwa għalhekk importanti ħafna fil-valutazzjoni tal-kwalità tad-data użata fil-kalkolu ta' parametri speċifiċi għal impriża.

1.7. L-impriżi jistgħu jissostitwixxu biss subsett ta' parametri standard fil-moduli tar-riskju ta' sottoskrizzjoni b'parametri speċifiċi. Dan ifisser li xi wħud mill-inputs użati għall-kalkolu ta' dawn il-parametri se jkunu simili (u f'xi każijiet jistgħu

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83
[2] ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155
[3] ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1-797

jikkostitwixxu eżattament l-istess informazzjoni) għall-inputs użati għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi. Huwa mistenni li l-funzjoni attwarja tikkontribwixxi għall-valutazzjoni ta' dawn l-inputs fis-sistema ta' ġestjoni tar-riskji.

1.8. Huwa biss il-proċess ta' approvazzjoni ta' parametri speċifiċi għal impriża fuq livell individwali li huwa armonizzat permezz tal-implimentazzjoni ta' standards tekniċi. Biex itejbu l-konsistenza tal-użu ta' parametri speċifiċi għal grupp minn gruppi fl-Istati Membri, il-Linji Gwida għandhom l-għan li jarmonizzaw il-proċess superviżorju ta' approvazzjoni għall-parametri speċifiċi għal grupp.

1.9. Il-Linji Gwida 1 sa 9 huma applikabbli kemm għall-impriżi individwali kif ukoll għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp taħt il-metodu ta' konsolidazzjoni jew taħt kombinazzjoni ta' metodi dwar id-data konsolidata kkalkolata skont l-Artikolu 335(1)(a)(b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

1.10. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini għandhom jieħdu t-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.

1.11. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2015.

### Linja Gwida 1 – Rwol ta' ġudizzju espert

1.12. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-parametri speċifiċi għal impriża, l-impriżi għandhom jitħallew jużaw suppożizzjonijiet ibbażati fuq ġudizzju espert biss bħala aġġustament għal data eżistenti u mhux bħala sostitut għal data nieqsa.

1.13. L-impriżi għandhom jużaw biss suppożizzjonijiet ibbażati fuq ġudizzju espert jekk id-data li tirriżulta aġġustata tissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 219 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għal livell ogħla u għandhom juru din il-konformità fuq talba tal-awtoritajiet superviżorji.

### Linja Gwida 2 – Materjalità

1.14. L-impriżi għandhom jiżguraw li l-kriterji dwar il-kwalità tad-data stabbiliti fl-Artikolu 219 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni huma ssodisfati indipendentement mill-materjalità tas-segment li għalih jintużaw parametri speċifiċi għal impriża.

### Linja Gwida 3 – Aġġustamenti biex jiżdied il-livell ta' adegwatezza fid-data

1.15. Soġġett għal-Linja Gwida 1, meta jiddeterminaw parametri speċifiċi għal impriża, l-impriżi għandhom jaġġustaw id-data storika kif meħtieġ sabiex jeliminaw l-effett ta' riskji li huma irrilevanti għall-inqas matul it-tnax-il xahar sussegwenti.

### Linja gwida 4 – Aġġustament ta' data storika biex jiġi eliminat l-effett ta' eventi katastrofiċi u biex jiġi rifless l-arranġamenti attwali ta' riassigurazzjoni

1.16. Fejn rilevanti l-impriżi għandhom jistabbilixxu politiki u proċeduri interni

(a) biex jidentifikaw telf minn eventi katastrofiċi;

(b) biex jaġġustaw id-data skont l-Anness XVII punt B. (2) (e) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;

(c) biex jaġġustaw id-data skont l-Anness XVII punt B. (2) (d), il-punt Ċ (2) (c) u l-punt D. (2) (f) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni

1.17. L-impriżi għandhom jiżguraw li l-bidliet fir-ritensjonijiet dwar ir-riassigurazzjoni mhux proporzjonali jiġu kkunsidrati kif xieraq meta jkollhom impatt fuq il-volatilità tar-riskju ta' riserva.

**Linja Gwida 5 – Kalkolu tal-aġġustament tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riskju ta' primjum**

1.18. Meta impriżi jiddeterminaw il-fattur ta' aġġustament għall-effett ta' riassigurazzjoni mhux proporzjonali kif previst fl-Artikolu 218(1)(a)(iii) u (1)(c)(iii) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għandhom jiżguraw li kemm id-data grossa kif ukoll id-data netta tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali għat-tnax-il xahar sussegwenti jikkonformaw mal-Linji Gwida 1 sa 4.

**Linja Gwida 6 – Konformità kontinwa**

1.19. L-impriżi għandhom jissorveljaw il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti għall-użu ta' parametri speċifiċi għal impriża bħala parti mill-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza.

1.20. Bħala parti mir-rapport superviżorju tal-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza, l-impriżi għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet superviżorji jekk kienx hemm xi tibdil materjali fl-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni u għandhom jipprovdu d-dettalji rilevanti ta' kwalunkwe bidla materjali.

1.21. Fejn l-użu ta' data ġdida tipproduċi bidliet materjali fl-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni, l-impriżi għandhom jipprovdu, fuq talba tal-awtoritajiet superviżorji, id-dettalji kollha dwar il-kalkolu tal-parametri speċifiċi għal impriża mwettqa permezz tal-użu ta' sett ġdid ta' data u l-informazzjoni meħtieġa biex tappoġġja li dak il-kalkolu huwa adegwat.

1.22. Jekk l-impriżi jsiru konxji li metodu standardizzat ieħor jipprovdi riżultat aktar preċiż għall-finijiet tat-twettiq tar-rekwiżiti ta' kalibrar inklużi fl-Artikolu 101(3) tas-Solvibbiltà II, għandhom jissottomettu applikazzjoni ġdida għall-użu ta' dan il-metodu standardizzat alternattiv.

**Linja Gwida 7 – Rimedju ta' nuqqas ta' konformità**

1.23. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għall-użu ta' parametri speċifiċi għal impriża, l-awtorità superviżorja għandha tiddeċiedi jekk l-impriża tkunx tista' tirrimedja n-nuqqas ta' konformità fi żmien tliet xhur.

1.24. Meta tieħu d-deċiżjoni, l-awtorità superviżorja għandha tikkunsidra l-livell u l-kamp ta' applikazzjoni tan-nuqqas ta' konformità kif ukoll il-ħin meħtieġ biex tirrimedja għal dan u l-azzjonijiet li l-impriża beħsiebha twettaq biex tirrestawra r-rekwiżiti għall-użu ta' parametri speċifiċi għal impriża.

1.25. Meta n-nuqqas ta' konformità ma jkunx jista' jiġi rrestawrat fi żmien tliet xhur, l-awtorità superviżorja għandha tirtira l-approvazzjoni għall-użu ta' parametri speċifiċi għal impriża skont [l-Artikolu 8 tal-abbozz ta' standards tekniċi ta'

implimentazzjoni tal-EIOPA fir-rigward tal-proċedura ta’ approvazzjoni superviżorja biex jintużaw parametri speċifiċi għal impriża][4].

1.26. Meta l-approvazzjoni tiġi rtirata, l-impriżi għandhom jikkalkolaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza permezz ta’ parametri standard u għandhom jissottomettu applikazzjoni ġdida f’każ li jkunu beħsiebhom jerġgħu japplikaw għall-użu ta’ parametri speċifiċi għal impriża.

**Linja Gwida 8 – Rekwiżit mill-awtorità superviżorja biex jintużaw parametri speċifiċi għal impriża**

1.27. Meta l-awtorità superviżorja teħtieġ li l-impriża tuża parametri speċifiċi għal impriża skont l-Artikolu 110 tar-Solvenza II, hija għandha tindika lill-impriża liema parametri, kif imsemmi fl-Artikolu 218 tal-Miżuri ta’ Implimentazzjoni, għandhom jiġu sostitwiti. Wara li tikkollabora mal-impriża, l-awtorità superviżorja għandha tistabbilixxi żmien raġonevoli għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

1.28. Wara li tirċievi t-talba tal-awtorità superviżorja, l-impriża għandha tanalizza l-metodi standardizzati disponibbli.

**Linja Gwida 9 – Devjazzjoni sinifikanti**

1.29. Meta jikkunsidraw jekk ikunx hemm devjazzjoni sinifikanti kif imsemmi fl-Artikolu 110 tas-Solvibbiltà II, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw il-fatturi rilevanti kif ġej:

a) Is-sejbiet li jirriżultaw mill-proċess ta’ rieżami superviżorju;

b) in-natura, it-tip u d-daqs tad-devjazzjoni;

c) il-probabbiltà u s-severità ta’ kwalunkwe impatt negattiv fuq id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji;

d) il-livell ta’ sensittività tas-suppożizzjonijiet li tirrelata għalihom id-devjazzjoni;

e) it-tul mistenni u l-volatilità tad-devjazzjoni tul il-perjodu tad-devjazzjoni.

1.30. L-awtoritajiet superviżorji għandhom iwettqu din l-analiżi fuq il-livell ta’ kull segment li għalih l-użu ta’ parametri speċifiċi għal impriża huwa possibbli.

**Linja Gwida 10 – Applikazzjoni għal approvazzjoni tal-użu ta’ parametri speċifiċi għal grupp**

1.31. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-użu ta’ parametri speċifiċi għal grupp għandha tinkludi bħala minimu l-informazzjoni meħtieġa fil-[paragrafu 2, 4 u 5 tal-Artikolu 1 tal-abbozz ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni fir-rigward tal-proċedura ta’ approvazzjoni superviżorja biex jintużaw parametri speċifiċi

---

[4] https://eiopa.europa.eu/publications/technical-standards/draft-implementing-technical-standards-on-the-supervisory-approval-processes-for-solvency-ii/index.html

għal impriża], fejn kwalunkwe referenza għal "parametri speċifiċi għal impriża" għandha tinftiehem bħala referenza għal "parametri speċifiċi għal grupp".

1.32. Fuq it-talba motivata tas-superviżur tal-grupp, l-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta għandha tipprovdi informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ biex tevalwa l-applikazzjoni.

**Linja Gwida 11 – Kamp ta' applikazzjoni tal-grupp permezz ta' parametri speċifiċi għal grupp**

1.33. Meta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp huwa kkalkulat skont il-metodu 1 jew skont il-kombinazzjoni tal-metodu 1 u l-metodu 2, l-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta għandha tuża l-parametri speċifiċi għal grupp biss fuq data kkonsolidata kkalkulata skont l-Artikolu 335 1(a), (b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

1.34. Meta r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp huwa kkalkulat skont il-metodu 2, l-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta m'għandhomx jużaw parametri speċifiċi għal grupp.

1.35. Jekk impriża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp taħt il-metodu 2 tuża parametri speċifiċi għal impriża, il-parametri speċifiċi għal impriża għandhom ikunu inklużi fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp biss għal dawk l-impriżi li rċevew approvazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji.

**Linja Gwida 12 – Rekwiżiti tal-kwalità tad-data fil-livell tal-grupp**

1.36. L-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta għandhom ikunu kapaċi juru lis-superviżur tal-grupp li n-natura tan-negozju tal-grupp u l-profil tar-riskju tiegħu huma simili biżżejjed għal dawk tal-impriżi individwali filwaqt li jipprovdu d-data biex jiżguraw konsistenza bejn is-suppożizzjonijiet tal-istatistika sottostanti d-data użata fil-livell tal-entità individwali u fil-livell tal-grupp.

**Linja Gwida 13 – Konsultazzjoni fil-kulleġġ tas-superviżuri**

1.37. Fil-konsultazzjoni stabbilita fl-Artikolu 356(3) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni s-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn fi ħdan il-kulleġġ tas-superviżuri għandhom inter alia janalizzaw u jiddiskutu r-rappreżentattività tad-data fil-livell tal-grupp u r-rilevanza tal-metodu standardizzat użat.

**Linja Gwida 14 – Informazzjoni għall-kulleġġ tas-superviżuri**

1.38. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-użu ta' parametri speċifiċi għal impriża minn impriża individwali li hija inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, l-awtorità superviżorja li tirċievi l-applikazzjoni

għandha tinforma lill-kulleġġ tas-superviżuri dwar ir-riċevuta u d-deċiżjoni tagħha. Jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda, hija għandha tinforma lill-kulleġġ tas-superviżuri dwar ir-raġunijiet ewlenin għad-deċiżjoni tagħha.

1.39. Qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu dwar l-applikazzjoni biex jintużaw parametri speċifiċi għal grupp, is-superviżur tal-grupp għandu jikkunsidra d-deċiżjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji dwar l-applikazzjonijiet ta' impriżi individwali inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp biex jintużaw parametri speċifiċi għal impriża.

## Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar

1.40. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

1.41. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

1.42. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

1.43. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u jiġu rrappurtati bħala tali.

## Dispożizzjoni Finali dwar ir-Rieżamijiet

1.44. Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu soġġetti għal rieżami mill-EIOPA.